MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 740/2005

**Dram Paper Import & Export Limited (C32440) u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2007 l-isem tas-socjeta' gie mibdul ghal Graphic Web Press Limited**

**Vs**

**Fortuna Enterprises Limited (9750)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi s-socjeta’ konvenuta ottjeniet il-hrug tal-mandat kawtelatorju ta’ qbid fl-ismijiet ‘Fortuna Enterprises Limited (C9750) v. Dram Company Limited (C9750)’ (1185/2005).

Illi in ezekuzzjoni ta’ l-istess mandat gew maqbudin apparat u makkinarji li ghalkemm kienu jinsabu fl-indirizz moghti ghall-ezekuzzjoni, ma jappartjenux ghas-socjeta’ Dram Company Limited (C29773) ta’ Felluka, St. Luke’s Road, Pieta’.

Illi fil-fatt l-apparat u l-makkinarji huma proprjeta’ tas-socjeta’ attrici Dram Paper Import & Export Limited (C32440) ta’ Triq Luriet Cutajar, Zebbug.

Illi, kif ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza, l-hrug u l-konsegwenti ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat mis-socjeta’ konvenuta sar b’malizzja fil-konfront tas-socjeta’ atttrici.

Illi, wkoll kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, konsegwenti ghal dan l-agir tas-socjeta’ konvenuta, s-socjeta’ attrici soffriet ukoll danni konsistenti, fost ohrajn, minn waqfien mix-xoghol u reklam hazin.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kul dikjarazzjoni ohra necessarja u/jew opportuna,

(1) Tordna r-revoka tal-imsemmi mandat in kwantu jolqot proprjeta’ tas-socjeta’ attrici stante li, fil-konfront ta’ tali proprjeta’, l-hrug u l-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat sar kontra l-ligi u;

(2) Tiddikjara li s-socjeta’ attrici sofriet danni minhabba l-agir surreferit tas-socjeta’ konvenuta;

(3) Tillikwida d-danni li sofriet is-socjeta’ attrici minhabba l-agir surreferit tas-socjeta’ konvenuta;

(4) Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici dawn id-danni hekk likwidati;

(5) Tikkundanna, *inoltre,* lis-socjeta' konvenuta thallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira Maltin in kwantu l-hrug u l-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat saru b'malizzja fil-konfront tas-socjeta' attrici ai termini tal-art. 836 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol.10 tal-process fejn eccepiet:

(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-magni in kwistjoni maqbuda bil-mandat numru 1185/05 huma proprjeta' ta' Dram Company Limited u mhux tas-socjeta' Dram Paper Import & Export Limited.

(2) Illi l-magna Heidelberg Speed Master 72/2/7 giet mixtrija minn Dram Company Limited minghand is-socjeta' White Horse Machinery Limited li l-agent taghhom f'Malta kien G & A Enterprises Company Limited u li hargitilhom invoice numru 000002/03 fl-14 ta' Settembru 2003 ghal hlas tal-kummissjoni dovuta lilu li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata dokument A.

(3) Illi s-socjeta' Dram Paper Import & Export Limited giet iffurmata fl-14 ta' Novembru 2003 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument B.

(4) Illi ghalhekk il-magna fuq imsemmija qatt ma setghet giet akkwistata mis-socjeta' Dram Paper Import & Export Limited meta effettivament giet mixtrija qabel il-kumpannija fuq imsemmija kienet giet iffurmata u rregistrata mal-Malta Financial Services Authority.

(5) Illi ma jirrizultax mill-*audited accounts* tal-kumpannija illi sar xi trasferiment tal-magna in kwistjoni

u/jew ta’ xi magni ohra minn Dram Company Limited ghal Dram Paper Import & Export Limited u ghalhekk il-magni in kwistjoni huma u ghadhom proprjeta’ ta’ Dram Company Limited.

(6) Illi meta l-Marixxal Azzopardi esegwixxa l-mandat numru 1185/05 Reuben Buontempo ta lil Marixxal dokument falsifikat ta’ Jade Graphic datata 26 ta’ Novembru 2003 fejn l-isem ta’ Dram Company Limited gie mnehhi mid-dokument moghti lill-istess Marixxal Azzopardi. Dan juri wkoll illi l-magna in kwistjoni huma proprjeta’ ta’ Dram Company Limited u mhux ta’ Dram Paper Import & Export Limited.

(7) Illi l-azzjoni tas-socjeta’ attrici hija frawdolenti in konfront tas-socjeta’ konvenuta u kif gie konstantement ritenut mill-Qrati taghha anke b’sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Lulju 2005 fil-kawza fl-ismijiet ‘’Imhallef Albert Magri et vs *Aeroflot Russian International Airlines* et’’ il-Qrati taghhna qatt ma accettaw bil-loghob tal-kumpanniji anke jekk dak li allegatament sar mill-konvenut huwa minnu u cioe illi f’xi zmien sar xi trasferiment. Il-Qrati sostnew illi jekk dan it-trasferiment ikun sar biex jigu defrawdati kredituri dan huwa *in malafede* u l-principju ta’ personalita’ distinta ma japplikax.

*(7)* Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u l-mandati in kwistjoni m’ghandhomx jigu revokati u bl-ebda mod m’ghandu jigi ddikjarat li s-socjeta’ attrici sofriet danni b’tort tal-konvenut u wisq inqas m’ghandha s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas il-penali kif mitluba.

*(8)* Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-ewwel talba taghha s-socjeta' attrici qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1185/2005 fl-ismijiet "Fortuna Enterprises Limited vs Dram Company Limited" u dan peress illi qed issostni li l-apparat u l-makkinarju huma proprjeta' taghha u mhux tas-socjeta' Dram Company Limited.

Illi mill-provi migjuba f'dina l-kawza jirrizulta li n-negozjati biex tigi akkwistata l-magna in kwistjoni, Heidelberg Speed Master saru kollha mis-socjeta' Dram Company Limited kif rapprezentanta minn Rueben Buontempo. Is-socjeta' Dram Company Limited ordnat il-magna, u qabbdet is-servizzi tas-sensal Lionel Cassola, u kienu saru trattattivi mas-socjeta' venditrici White Horse Machinery Limited gewwa l-Ingilterra. Il-hlas ghal dina l-magna sar minn George Portelli. Cassola wara thallas is-senserija tieghu (jew parti minnha) mis-socjeta' estera.

M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-pagament tal-magna sar mill-kont personali ta' George Portelli pero' s-socjeta' attrici u George Portelli mhux qed jaqblu dwar lil min tappartjeni din il-magna.

Filwaqt illi s-socjeta' attrici tirritjeni li din il-magna tappartjeni lilha u dan skond ftehim li suppost intlahaq bejnha u George Portelli qabel ma' giet registrata s-socjeta' attrici, George Portelli minn naha l-ohra jghid li din il-magna hija proprjeta' tieghu personali gjaladarba l-hlas sar minnu. A fol. 196 George Portelli xehed illi "*Il-magna minn barra jiena kont gibtha fuq ismi personali biex imbaghad ninvestiha fil-kumpanija Dram Import and Export Limited. Pero' mbaghad qatt ma' wasalna biex ftehmna biex nahdmu flimkien. Il-kumpanija Dram Import and Export qatt ma' hadmet*."

Skond il-verzjoni ta' Portelli l-magna inxtrat minnu u ghalkemm jikkonferma illi kien sar xi diskors bejnu u bejn l-ahwa Buontempo li din il-magna kellha tappartjeni lis-

socjeta’ attrici li giet iffurmata appozitament ghal dan l-akkwist, xorta wahda  Portelli ma’ kienx ittrasferixxa din il-magna lis-socjeta’ attrici ghaliex il-kumpanija effettivament qatt ma’ hadmet. Hu jghid li qatt ma ffurma l-kumpanija ma’ l-ahwa Buontempo ghax m’ghogbux kif kienu jahdmu (fol 196) u ghax ma kienx hemm serjeta’. (fol 198). Portelli jghid li kellu diversi magni ohra ghandhom li hadhom lura hlief ghal dina li giet maqbuda bil-mandat. Meta talabha lura lill ahwa Buontempo dawn qalulu li kienet ghas-*service*.

Ghalhekk mix-xhieda ta’ Portelli jirrizulta li s-socjeta’ Dram Paper Import & Export ma kellhiex assi u lanqas ma kienet qed topera fis-snin 2003 u 2004.

Jirrizulta li s-socjeta’ attrici ma’ setghetx  takkwista l-magna in kwistjoni billi meta nxtrat il-magna f’Settembru 2003 hi lanqas kienet ghada tezisti fil-mument tal-akkwist, ghalkemm fuq it-tieni *invoice* mahruga jidher isem is-socjeta’ attrici.

Il-Qorti mhiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk il-magna tappartjenix lis-socjeta’ Dram Company Limited li ghamlet in-negozjati ghall-akkwist tal-magna jew lil George Portelli personalment li hallas ghaliha, dan ghaliex George Portelli ghalkemm direttur u azzjonist tas-socjeta’ attrici mhuwiex parti minn din il-kawza. Illi pero’ mix-xhieda ta’ George Portelli jirrizulta li din il-magna in kwistjoni mhijiex proprjeta’ tas-socjeta’ attrici (lanqas meta nhareg il-mandat) u ghaldaqstant is-socjeta’ attrici ma’ tistax titlob ir-revoka tal-mandat ta’ qbid in kwistjoni abbazi tal-fatt illi l-magna tappartjeni lilha.

Illi inoltre mix-xhieda ta’ Alfred Cauchi, rapprezentant ta’ Jade Graphic Limited  jirrizulta illi huwa kien gie imqabbad mis-socjeta’ Dram Company Limited sabiex igorr magna tat-tip *two coloured offset press* tal-marka Heilderburg Speed Master,  lejn Haz-Zebbug, fi Triq Loreto Cutajar fis-sena 2003 u sussegwentement ghal habta ta’ Jannar 2005, huwa kien rega’ gie mqabbad sabiex jgorr l-istess magna minn Haz-Zebbug ghal Ricasoli u fiz-zewg okkazzjonijiet huwa kien hareg <u>*invoice* fuq Dram</u>

Company Limited (kopja tal-*invoice* datata l-14 ta' Frar 2005 u kopja tal-*agreement* gew ezebiti mix-xhud u jinsabu a fol. 216 u 217 tal-process). Dan ifisser li sas-sena 2005 kienet is-socjeta' Dram Co Ltd li kellha l-pussess u l-uzu tal-magna in kwistjoni. Ma ngabet ebda raguni valida ghaliex dan ix-xhud m'ghandux jitwemmen li hu ppresta dawn is-servizzi lill Dram Co Ltd fiz-zmien li hu semma.

Anke Lionel Cassola isemmi li hu dejjem ghamel l-*invoices* lill Dram Co. Ltd (fol 205) u li lanqas kien jaf li tezisti l-kumpanija Dram Paper Import & Export.

**Danni**

Illi dwar it-talba tas-socjeta' attrici biex dina l-Qorti tiddikjara u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas danni minhabba l-allegat agir malizjuz tas-socjeta' konvenuta, l-Qorti hi tal-fehma li fl-ewwel lok is-socjeta' attrici naqqset milli tipprova dawn id-danni allegatament sofferti minnha.

Inoltre mix-xhieda ta' George Portelli innifsu johrog car li s-socjeta' attrici qatt ma' hadmet.

Fit-tielet lok jinghad ukoll illi s-socjeta' konvenuta irnexxielha tipprova ukoll illi l-magna in kwistjoni mhijiex wahda digitali izda wahda konvenzjonali u ghalhekk id-dokumenti ezebiti bhala prova mis-socjeta' attrici biex turi li hi kellha ordnijiet mill-Bank of Valletta p.l.c. ghall-*printing* digitali m'humiex relevanti ghal kaz odjern.

Isegwi li lanqas ma hemm lok ghal **penali.**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
tichad it-talbiet attrici
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------